# Negozju u drittijiet tal-bniedem

Il-kontenut ipprovdut minn
Awstrija

Awstrija

## 1. Xi protezzjoni ġudizzjarja jirċievu l-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fin-negozju? Din il-protezzjoni tinkludi kumpens?

Bħal fi Stati Membri oħra, il-ġuriżdizzjoni internazzjonali hija ddeterminata fil-biċċa l-kbira mir-"Regolament Brussell 1a" (ir-Regolament Nru 1215/2012: "ir-Regolament"). Dan jippermetti li jinġiebu azzjonijiet – b'mod speċifiku fejn l-impriża (jew fergħa tagħha) ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-Awstrija – irrispettivament minn fejn ikun iddomiċiljat ir-rikorrent u/jew min-nazzjonalità tiegħu. Ġuriżdizzjonijiet oħra huma msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament. Il-post fejn ikun seħħ l-avveniment dannuż jew il-post fejn obbligu kuntrattwali kellu jiġi ssodisfat jista' jkun rilevanti.

## 2. Hemm xi regoli speċifiċi li jkopru l-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem? Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal reati ambjentali jew għal forom serji ta' sfruttament ta' ħaddiema?

Il-liġi Awstrijaka dwar ir-responsabbiltà ekstrakuntrattwali ma tinkludi l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar il-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, jekk ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem jirriżulta fil-ksur ta' dritt individwali protett bil-liġi, tista' titqies ir-responsabbiltà kuntrattwali ġenerali. Fi kliem ieħor, kull min intenzjonalment jew permezz ta' negliġenza jagħmel ħsara illegalment lill-ħajja, lis-saħħa, lil-libertà, lill-proprjetà jew lil kwalunkwe dritt ieħor ta' persuna oħra jkun responsabbli għad-danni. Meta d-dannu jkun ikkawżat għall-ħajja jew għall-persuna, għas-saħħa, għal-libertà, għall-proprjetà jew għal xi dritt ieħor, mhux biss il-persuna li tkun ikkawżat id-dannu direttament tkun responsabbli, iżda anke kull min ma jkunx ħa l-passi meħtieġa u raġonevoli sabiex jipprevjeni d-dannu lil terza persuna, jekk dik il-persuna tkun ħolqot sors ta' riskju (*Verkehrssicherungspflicht*).

Mil-lat tal-liġi kriminali, il-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem huwa wkoll meqjus bħala reat kriminali ġenerali.

## 3. Jien vittma ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li seħħ barra mill-Unjoni Ewropea li rriżulta mill-attivitajiet kummerċjali ta' korporazzjoni tranżnazzjonali Ewropea. Għandi aċċess għall-qrati f'pajjiżek jekk m'iniex ċittadin tal-UE jew jekk ma ngħixx fl-UE? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex nitlob id-danni għall-ksur tad-drittijiet tiegħi? Fejn nista' insib xi informazzjoni addizzjonali?

Ara t-Taqsima 4 hawn taħt.

## 4. L-istituzzjonijiet tal-ombudsman nazzjonali, il-korpi tal-ugwaljanza jew l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jappoġġaw lill-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn korporazzjonijiet tranżnazzjonali Ewropej barra mill-Unjoni Ewropea? Għandi aċċess għall-qrati f'pajjiżek jekk m'iniex ċittadin tal-UE jew jekk ma ngħixx fl-UE? Hemm xi servizzi pubbliċi oħra (bħal spettorati tax-xogħol jew tal-ambjent) li jistgħu jinvestigaw il-każ tiegħi? Fejn nista' insib informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħi?

Bħal fi Stati Membri oħra, il-ġuriżdizzjoni internazzjonali hija ddeterminata fil-biċċa l-kbira mir-"Regolament Brussell 1a" (ir-Regolament Nru 1215/2012). Dan jippermetti li jinġiebu azzjonijiet – b'mod speċifiku fejn l-impriża (jew fergħa tagħha) ikollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-Awstrija – irrispettivament minn fejn ikun iddomiċiljat ir-rikorrent u/jew min-nazzjonalità tiegħu. Ġuriżdizzjonijiet oħra huma msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament. Il-post fejn ikun seħħ l-avveniment dannuż jew il-post fejn obbligu kuntrattwali kellu jiġi ssodisfat jista' jkun rilevanti.

Jekk ir-Regolament Brussell 1a jew il-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007 (il-Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali) ma tkunx applikabbli, il-ġuriżdizzjoni internazzjonali dejjem tingħata skont l-Artikolu 27a tal-Att dwar il-Ġuriżdizzjoni tal-Qorti (*Jurisdiktionsnorm* – JN) jekk qorti Awstrijaka jkollha ġuriżdizzjoni territorjali. Madankollu, il-ġuriżdizzjoni għall-ikkawżar ta' dannu skont l-Artikolu 92a tal-JN hija bbażata biss fuq il-post fejn ikun seħħ l-aġir dannuż. Madankollu, jistgħu jiġu kkunsidrati ġuriżdizzjonijiet oħra, bħal dik tal-post fejn sar ir-reat, skont l-Artikolu 88 tal-JN, jew il-post fejn tinsab il-proprjetà, skont l-Artikolu 99 tal-JN.

## 5. Pajjiżek jimponi obbligi fuq il-korporazzjonijiet transnazzjonali Ewropej biex jistabbilixxu mekkaniżmi ta' ilment jew servizzi ta' medjazzjoni għal ksur li jirriżulta mill-attivitajiet tan-negozju tagħhom? Dawn l-obbligi japplikaw ukoll għal ksur li seħħ barra l-Unjoni Ewropea? Min huwa responsabbli għall-monitoraġġ ta' dawn il-mekkaniżmi ta' lment jew servizzi ta' medjazzjoni? Hemm rapporti pubbliċi disponibbli li jipprovdu informazzjoni dwar kif jaħdmu dawn il-mekkaniżmi u s-servizzi? + 6. Għandi xi drittijiet speċifiċi jekk inkun vittma vulnerabbli ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatati man-negozju? Taħt liema kundizzjonijiet għandi aċċess għall-għajnuna legali? Liema spejjeż huma koperti mill-għajnuna legali? Għandi aċċess għall-għajnuna legali taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-UE jekk m'iniex ċittadin tal-UE jew jekk ma ngħixx fl-UE?

L-għoti ta' għajnuna legali ma huwiex marbut maċ-ċittadinanza Awstrijaka jew maċ-ċittadinanza tal-UE.

L-għan tal-għajnuna legali huwa li tippermetti lill-partijiet kollha fil-kawża li jfittxu d-drittijiet tagħhom skont id-dritt ċivili jew li jiddefendu d-drittijiet tagħhom quddiem il-qrati, irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja individwali tagħhom. L-ispejjeż li jirriżultaw mit-tressiq ta' tilwima legali ma għandhomx jikkostitwixxu ostakolu għall-eżekuzzjoni tat-talbiet jew għad-difiża ta' persuna, anke jekk dik il-persuna ma jkollhiex biżżejjed riżorsi proprji. Il-possibbiltà li tingħata għajnuna legali hija maħsuba biex jiġu eliminati d-differenzi li jirriżultaw mis-sitwazzjoni finanzjarja tal-individwi u biex jitħaddem mhux biss il-prinċipju tal-ugwaljanza iżda wkoll id-dritt, li jirriżulta mill-Artikolu 6(1) tal-KEDB, li jiġi rrispettat l-aċċess liberu u mingħajr xkiel għall-ġustizzja, u biex jiġi żgurat li kulħadd ikollu aċċess ugwali għall-ġustizzja.

Madankollu, parti fi proċedimenti legali li tingħata għajnuna legali hija eżentata biss b’mod provviżorju mill-obbligu li tħallas l-ispejjeż legali tagħha stess. Il-kontroparti ma tibbenefikax minn din l-eżenzjoni provviżorja.

Il-qorti tagħti għajnuna legali lil parti biss jekk it-twettiq tal-proċedimenti jkun altrimenti ta’ detriment għall-manteniment meħtieġ tagħha. L-azzjoni legali jew id-difiża maħsuba ma tridx tkun manifestament mingħajr bżonn jew għalxejn jekk ikun hemm ċans li tingħata għajnuna legali.

“Manteniment meħtieġ” tfisser ir-riżorsi li l-parti teħtieġ għal standard modest ta’ għajxien għaliha nnifisha u għal kwalunkwe membru tal-familja li tkun responsabbli għalih. Il-manteniment meħtieġ jaqa’ bejn manteniment “essenzjali” u manteniment “xieraq”. Dan jinsab bejn l-introjtu statistiku medju ta’ persuna f’impjieg bi ħlas u l-livell minimu ta’ sussistenza. Għal kawżi internazzjonali, iċ-ċirkostanzi prevalenti fil-post ta’ residenza jiddeterminaw x’inhu meħtieġ għal standard tal-għajxien modest.

L-Artikolu 64 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili Awstrijak telenka l-oġġetti li jistgħu jkunu koperti mill-għajnuna legali.

F’ċerti kundizzjonijiet, ir-rikorrenti mhux Awstrijaċi jista’ jkollhom jipprovdu garanzija f’konformità mal-Artikolu 57 tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili, li jfisser li l-intimat irid jingħata garanzija għall-ispejjeż tal-proċedimenti jekk l-intimat ikun jeħtieġ hekk. Madankollu, ħafna ftehimiet bilaterali jipprevedu l-esklużjoni ta’ tali għoti ta’ garanzija. Barra minn hekk, eżenzjoni mill-għoti ta’ garanzija għall-ispejjeż legali hija possibbli wkoll taħt l-għajnuna legali (l-Artikolu 64(1)(2) tal-Kodiċi ta’ Proċedura Ċivili).

Il-ftehimiet bilaterali konklużi mill-Awstrija huma disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali: Bilaterale Staatsverträge – BMEIA, Außenministerium Österreich.

---

L-aħħar aġġornament: 22/11/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.